MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 31/2006/1

**Joseph Farrugia**

**vs**

**Maria Meilak**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Gunju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal;
>
> Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta fuq prezz ta' bejgh ta' karozza Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni FBJ 654 kif jirrizulta mill-ftehim tal-bejgh ta' l-

istess vettura, li kopja tieghu jinsab anness bhala Dok A ma’ l-Avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Mejju elfejn u hamsa (2005).

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi t-talba ta’ l-attur m’ghandiex tigi milqugha stante li l-konvenuta qed tinsisti li jkun hemm riduzzjoni fil-prezz miftiehem fuq il-vettura mixtrija minnha minghand l-attur u dan peress illi din kellha s-sistema ta’ l-ignition u c-cavetta difettuza, l-air condition ma kienx jahdem sew u il-karozza kienet re-sprayed meta l-attur kien iggarentixxa li din kienet bl-ispray originali.

Semgha x-xhieda ta’ l-attur.

Ra li l-konvenuta naqset milli tidher jew li tipprezenta x-xhieda taghha.

Ra li ma gie ippresentat ebda rikors li bih intalab li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti qed jirrizulta li permezz ta’ ftehim redatt fit-23 ta’ April 2005, l-attur biegh lill-konvenuta vettura Fiat Punto FBJ 654 versu l-prezz ta’ tlett elef u tlett mitt lira (Lm3,300), li minnu hija halset elfejn u hames mija (Lm 2,500) dakinhar tal-ftehim. Il-bilanc akkont ta’ tmin mija (Lm 800) kellu jithallas permezz ta’ rati ta’ mitt lira (Lm 100) fix-xahar. Jirrizulta pruvat illi hija hallset rata wahda u ma halsitx il-bilanc ta’ seba’ mitt lira (Lm 700) li huwa propju l-ammont mitlub f’din il-kawza.

L-attur jichad li kien hemm id-difetti allegati mill-konvenuta fir-risposta taghha u f’kull kaz jirrizulta pruvat ukoll illi l-vettura ghadha tinsab ghand il-konvenuta, u li dina ma gietx depozitata l-Qorti jew ritornata lill-attur.Certament ma tistghax tezercita

> l-azzjoni redibitorja – apparti l-fatt li din trid ssir permezz ta kawza ad hoc u m'hux in via di eccezzjoni.
>
> Jidher li fir-risposta taghha l-konvenuta qed tezercita d-difiza aestimatorja u tippretendi li izzomm l-oggett u titlob riduzzjoni fil-prezz. Naturalment biex din l-eccezzjoni tirnexxi l-konvenuta jinhtiegilha iggib provi sufficjenti fuq id-difett in kwistjoni – haga li ma rnexxilhiex taghamel..
>
> Konsegwentament l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt.
>
> Ghaldaqstant it-talba attrici tisthoq li tigi milqugha u konsegwetament it-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt lira (Lm 700), bl-ispejjez tal-kawza. L-interessi, stante li dan huwa kaz ta' debitu civili, jibdew jiddekorru minn dakinhar tan-notifika ta' l-avviz."

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-ilment principali illi gie vjolat lilha l-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*. Dan ghal motiv li ma gietx moghtija lilha l-opportunita` li tressaq il-provi taghha;

Preordinatament ghall-ahjar apprezzament ta' dan l-aggravju, huwa essenzjali li tigi replikata l-kronologija tal-kawza kif din tohrog mill-atti processwali:-

(1) B'rikors tat-18 ta' Jannar, 2007, l-Avukat ta' l-appellanti, Dr. Chris Said, talab differiment ghal ragunijiet ta' safar. Din it-talba giet akkolta mit-Tribunal fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2007. Ara verbal a fol. 15 tal-process;

(2) Qabel id-data li fiha kienet differita l-kawza, l-imsemmi konsulent legali ta' l-appellanti rega' ghal darb' ohra, b'rikors tas-27 ta' Frar, 2007, talab differiment ghal

dik l-istess raguni. Din it-talba giet milqugha b'digriet kamerali tat-2 ta' Marzu 2007 u ordnata n-notifika tieghu lill-kontroparti;

(3) Fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2007, it-Tribunal, in vista ta' dak id-digriet tieghu, iddifferixxa l-kawza ghas-27 ta' April, 2007;

(4) F'din l-ahhar data instemghet ix-xhieda ta' l-attur u l-kawza differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Gunju 2007. Jigi notat mit-termini tal-verbal (fol. 20) illi l-konvenuta u d-difensur taghha nghataw ghall-aktar minn darba f'din l-istess udjenza l-opportunita li jidhru quddiem it-Tribunal halli l-konvenuta tipprezenta l-provi taghha;

(5) Fl-1 ta' Gunju, 2007 it-Tribunal ghadda biex ippronunzja d-decizjoni tieghu wara li nnota li ghal darb'ohra la dehret il-konvenuta u lanqas l-Avukat taghha u, inoltre, li ma kien tressaq ebda rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Dan premess, il-Qorti certament mhix f'posizzjoni li tghid x'rizultat il-kawza kien ikollha kieku l-kors taghha kien differenti. Fiz-zgur, fil-kwadru ta' l-appena accennati fatti processwali, tista' tirrileva s-segwenti:-

(1) Jinsab accertat kemm mill-verbali ta' l-atti u l-aktar mill-argomenti li fuqhom hi bazata s-sentenza appellata illi l-konvenuta nghatat il-possibilita` shiha mit-Tribunal biex tressaq il-provi taghha u li taghmel dawk is-sottomissjonijiet li xtaqet taghmel. Ir-rizultanzi processwali manifestament juru li r-rispett tal-principju ghal liema tikkollega ruhha l-appellanti gie sew konsegwit u li l-partijiet indaqs kienu mhux biss imqeghda fil-posizzjoni li jippartecipaw fil-provi izda, ukoll, li jkunu edotti mill-fatt illi t-Tribunal kien qed jikkonsidra maghluqa l-istruttorja tal-kaz;

(2) Gjaladarba, kif inhu l-kaz hawnhekk, jirrizulta bl-aktar mod ovvju illi t-Tribunal akkorda l-opportunita` pjena lill-appellanti biex iggib 'il quddiem il-provi taghha u

li tesponi l-assunti kollha taghha, id-dizinteress taghha li ssegwi l-andament tal-proceduri ma jistax jigi legittimament rinfaccjat lit-Tribunal bic-censura minnha pretiza tal-lezjoni fil-konfront taghha tar-regola fundamentali *audi alteram partem*;

(3) Wiehed ma jridx jinsa illi hu fil-poter dispositiv tal-parti li jressaq il-provi u jsostni d-difizi tieghu. Dan, pero`, dejjem fir-rispett tat-termini lilha koncessi. Sewwa inghad f’dan il-kuntest illi “ghal finijiet procedurali hemm diversita kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smiegh ta’ provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz fejn, minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa’ ma jgibx ‘il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita li jgibhom. F’dan l-ahhar kaz “*imputet sibi”*. Ara decizjoni fl-ismijiet “**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***”, Appell Kummercjali, 13 ta’ Jannar, 1975, rikonfermata fis-sentenza fl-ismijiet “**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**”, Appell, 7 ta’ Ottubru, 1997. Hu wkoll fl-istess sens konformi l-kumment espress mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “**Joseph Grech -vs- L-Avukat Generali**”, deciza fl-20 ta’ Dicembru, 2000;

Issa ghas-suffragju tal-qaghda processwali taghha, l-appellanti tirrikorri ghas-sentenza ta’ din l-istess Qorti fl-ismijiet “**L-Avukat Antoine Naudi *nomine* -vs- John Abela Ltd**”, 9 ta’ Frar, 2005. Dan taghmlu biex issostni l-punt illi hi ma ghandhiex titqieghed f’qaghda pregudizzjevoli minhabba non-kuranza jew htijiet tar-rapprezentanti legali taghha. Apparti li l-fattispeci f’dak il-kaz huma distinti minn dak tal-kaz *de quo agitur*, anke ghaliex f’dak il-kaz kienet tirrizulta l-assenza ta’ l-Avukat u mhux ukoll dik tas-socjeta` konvenuta rapprezentata minn wiehed mid-diretturi taghha, ta’ min ifakkar illi l-ligi specjali, krejatrici tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, tesigi, ex-Artikolu 13 tal-Kapitolu 380, il-presenza fizika tal-partijiet fil-kawza ghax, kif ritenut, il-kontestazzjoni

personali hi hekk rilevanti biex tiffacilita s-sommarjeta tal-proceduri. Ara "**Emmanuel Caruana *nomine* -vs- Elaine Cachia**", Appell, 22 ta' Novembru, 1996. Fil-kaz prezenti, invece, kif rispekkjat fid-diversi verbali ta' l-udjenzi, il-konvenuta appellanti ma dehret qatt;

Anke ghal din ir-raguni, biex wiehed jissellef il-kliem tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-gurisdizzjoni superjuri taghha "hi wkoll zbaljata s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-principju *audi alteram partem* kien wiehed li jittraxxendi r-regoli ta' procedura mahsuba biex jorganizzaw il-process gudizzjarju u li l-Qrati u l-partijiet kienu tenuti u obbligati li josservaw. Indubbjament anke fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja, kif ukoll id-drittijiet tal-kontro-parti li kienu jesigu illi s-smigh tal-kawza jkun regolat skond kif tidderiegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali. L-appellanti allura ma kellhom l-ebda dritt jinvokaw dan il-principju meta kienu huma stess illi kienu hatja ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti in kwantu bla gustifikazzjoni fallew milli jipproducu l-provi kollha taghhom meta hekk mitluba biex jaghmlu …" ("**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", 6 ta' Ottubru, 2000). Kull kumment iehor ma jistax ma jitqiesx superfluwu tenut qies tac-cirkustanzi maghrufa ta' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------